# MINN FEJN TLAQNA U FEJN IRRIDU MMORRU



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*



**Dan it-tkabbir ekonomiku wasal b'ħafna miżuri li kellna f'kull baġit**

Għal ħafna drabi aħna nservu bħala ambaxxaturi ta' pajjiżna f'bosta okkażjonijiet. Fosthom meta jżuruna t-turisti u jistaqsuna fuq pajjiżna, l-ekonomija tiegħu eċċ. eċċ. Anke meta nsiefru barra minn xtutna u jistaqsuna fuq pajjiżna wkoll irridu nservu ta' ambaxxxaturi. Fid-deskrizzjoni tagħna aħna nkunu qed intuhom stampa kemm jista' jkun ġusta, mhux kwistjoni ta' ftaħir jew tmaqdir.

Naħseb huwa tajjeb li wieħed jifli x'inhuma l-aspettativi u x'wieħed jista' jgħid dwar pajjiżna. Issa għaddew snin biżżejjed biex wieħed jaffaċċja l-barranin u nagħtu stampa kemm jista' jkun ġusta fosthom l-aspettattivi ekonomiċi. Matul dawn is-sitt snin urejna li l-kambjament li għamilna ma kienx wieħed ta' kumbinazzjoni. Konsistentament pajjiżna rnexxielu jilħaq rati għoljin ta' medja ta' 7.1% sa Diċembru tas-sena li għaddiet.

L-aktar importanti mhumiex l-indikaturi li nitkellmu dwarhom, anke jekk barra minn xtutna dawn ifissru ħafna. Iżda l-aktar importanti hija li interpretazzjoni u r-raġuni għaliex jirnexxilna notjenu dawn il-figuri. Importanti wkoll il-fatt li ma waqajniex f'ħofor bħalma waqgħu pajjiżi oħra. Meta kien hemm sinjali li pajjiżi oħra jistgħu jmorru għall-awsterità, aħna kellna d-determinazzjoni li naqtgħu d-deficit. Iżda mhux billi nxellfu l-imbuttatura għat-tkabbir ekonomiku, imma sibna l-bilanċ. Kien importanti li meta qtajna t-taxxa ma għollejniex id-deficit. Iżda rajna kif inpattu għaliha billi żdiedu ċerti dazju tas-sisa fuq prodotti li jħammġu l-ambjent.

Dawn huma l-fatti li kellna programm li nagħmlu x-xogħol attraenti, kif jgħidu bl-Ingliż "Making work pay." Kien hemm ħafna miżuri u inizjattivi li bdew idawru r-rota, fost oħrajn kellna l-*first time buyer*. Kellna kwalunkwe programm li rnexxielu jiġbed lill-mara tad-dar li titħajjar taħdem ukoll. Anke jekk ħafna drabi kien hemm l-ostakoli. Fost dawn hemm iċ-*childcare* b'xejn li aħna provdejna. Dan wassal biex aktar nisa ħarġu jaħdmu. Bdejna ngħinu wkoll billi t-tfal inżommuhom fi skola jew *breakfast club* u anke waranofsinhar, biex il-ġenituri li qegħdin jaħdmu jkollhom dik l-għajnuna mill-Gvern.

Qed ngħinu wkoll permezz tat-trasport b'xejn għal-istudenti kollha biex kemm jista' jkun ma nimpenjawx lill-ġenituri joqogħdu jwasslu lil uliedhom. U dan iwassal għal inqas konġestjoni tat-traffiku. Hemm ħafna miżuri f'baġits differenti li kienu mmirati għal dan it-tkabbir. Dan huwa l-messaġġ li rridu nwasslu u li sar b'ħafna riformi. Dan huwa kunċett li kull pajjiż dejjem jixtieq li jagħmel. Aħna għamilniehom u meta għamilniehom lanqas biss konna ngħidulhom riformi strutturati. Imma fil-fatt hekk kienu. Meta inti qed tagħmel *childcare* b'xejn int qed timboda bil-mod lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali biex jibdew jaħdmu.

Xi ħaġa li verament kienet importanti, kienet dik l-imbottatura li saret ukoll permezz tal-benefiċċju tat-*tapering*. Hawnhekk għamilna ftehim mal-individwu li jekk issib xogħol, xorta waħda jżomm parti mill-benefiċċju tal-qgħad, 60% fl-ewwel sena, 45% fit-tieni sena u 25% fit-tielet sena. Dan minflok x'jagħmlu pajjiżi oħra tal-lemin estrem fejn jaqtgħu l-benefiċċji biex jimbuttaw lin-nies lejn id-dinja tax-xogħol. Aħna ressaqna n-nies lejn id-dinja tax-xogħol permezz tal-inċentivi.

Il-fatt li investejna fl-enerġija u waqqajna l-ispiża tal-enerġija fejn kienu wkoll kontribut ieħor. B'dan il-mod bdejna ngħinu lin-nies f'kull settur, speċjalment fis-settur privat biex ninkoraġġixxuhom u jinvestu għax qed jaraw futur sabiħ. Dan l-investiment dejjem ġej u għadu b'saħħtu. Dan huwa s-sigriet tal-fatt li aħna dejjem nippruvaw naqbdu kull settur ġdid bħal ballun u niġru bih. Nitkellmu dwar il-*blockchain*, jgħidulek għaliex se tmur għall-*blockchain*, minħabba r-riskju? Kull settur fih ir-riskju tiegħu: il-manifattura ma fihiex ir-riskju? It-turiżmu ma fihx ir-riskju? U s-servizzi finanzjarji ma fihomx ir-riskju tagħhom? Kull settur fih ir-riskju tiegħu; int trid tkun li tagħraf timmaniġġja. Irid ikollok awtorità apposta li tifhem is-settur. Dan huwa sigriet ieħor ta' pajjiżna.

Aħna għarafna li wara l-manifattura u t-turiżmu, jekk nagħmlu awtorità apposta għas-servizzi finanzjarji, kif fil-fatt għamilna meta waqqafna l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), u anke dwar l-*I-gaming* nkunu qed insaħħu s-settur. Issa qed nagħmlu wkoll awtorità ġdida li se tittratta l-*blockchain* u konsegwentament setturi ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali eċċ.

Malta għandha s-saħħa tagħha f'dawk li huma regolamenti li sserraħ moħħ dawk li jimmaniġġjaw il-kumpanija li jkunu qed jimxu mal-prassi u standards internazzjonali. Dan għax aħna kapaci nifhmuhom u b'hekk jinġibdu lejna għal din ir-raġuni. Ħafna mill-kumpaniji internazzjonali jixtiequ li jkun regolati. Aħna noffru dak il-vantaġġ lil pajjiżi oħra forsi għax huma kbar jieħdu aktar snin biex jaslu sa dak il-punt. Hawnhekk qed nitkellem dwar il-governanza.

Il-governanza finanzjarja, speċjalment fejn jidħol il-ħasil tal-flus, huwa dak tal-*money-laundering*. L-importanti hu li, speċjalment illum li ġraw ħafna affarijiet madwar id-dinja kollha, ir-risposta tagħna quddiem dan għandha tkun li l-ebda pajjiż, l-ebda ġudizzju finanzjarju ma jista' jgħid li pajjiżna jew l-f'istituzzjonijiet tagħna jħallu għaddej il-ħasil tal-flus.

Kull pajjiż u wħud mill-istituzzjonijiet kbar, li kellhom reputazzjoni tajba, qed jaraw u fil-fatt ammettew li banek kbar tagħhom kienu involuti f'xi tip ta' ħasil ta' flus u għalhekk fuq din l-attività weħlu multi kbar.

Il-pajjiż jiġi ġġudikat mhux jekk ma kellux każijiet ta' ħasil ta' flus, imma dwar x'għamel il-pajjiż.

Aħna issa tkellimna biżżejjed ma' pajjiżi bħall-Ingilterra, l-Italja, l-Ġermanja u oħrajn dwar dan is-suġġett. Tirrealizza li dawk li jridu jaraw diversi aġenziji internazzjonali bħall-IMF, il-Moneyval, *rating agencies*, huwa li pajjiżna huwa konxju minn dawn ir-riskji. Tistaqsi x'riformi qed jagħmel f'dawn l-oqsma? X'tibdil qed isir u anke x'evalwazzjonijiet?

Jagħmel dak li ngħidulu *risk assessment*. F'pajjiżna għamilna żewġ *risk assessments* taħt dan il-Gvern. Wieħed sar fl-2013, wara l-kriżi ta' Ċipru, fejn mill-ewwel irrealizzajna kemm hu importanti li pajjiżna jagħmel *national risk assesment*, biex eventwalment jara r-riskji kollha f'kull settur madwar l-ekonomija ta' pajjiżna. F'dan l-eżami, wieħed jara l-aġenziji għal xiex jistgħu jkunu esposti. Wieħed jara wkoll imbagħad il-pjan li joħroġ minn dan l-*assessment*. It-tieni *risk assessment* sar imbagħad sentejn ilu, fejn minnu żvolġa Strateġija u Pjan li jinkludi 47 miżura, li jridu jitwettqu biex inkomplu nsaħħu l-istituzzjonijiet regolatorji u ta' superviżjoni tagħna.

Fost dawn, kien hemm il-kordimanet aktar rigoruż u formali bejn il-kapijiet tal-istituzzjonijiet fosthom il-Pulizija, il-Bank Ċentrali, l-MFSA, l-FIAU u istituzzjonijiet oħra. Aktar riċentament qed inħarsu lejn aktar istituzzjonijiet bħall-prosekutur pubbliku.

F'dan id-dawl jista' jkun hemm ukoll xi tibdil istituzzjonali li jwassal għal aktar effiċjenza u li jħares aħjar is-saltna tad-dritt. F'dan id-dawl il-Gvern diġà ħabbar ċerti miżuri, iżda għadna qed nistudjaw oħrajn permezz tal-għajnuna ta' Gvernijiet u konsulenti barranin. Naħsbu li permezz ta' dan it-*tweaking* jew tibdiliet importanti f'pajjiżna, ir-reati ekonomiċi nistgħu nittrattawhom aħjar.

Meta nħarsu lejn l-istampa kollha hemm iżjed xogħol li sar barra l-Ministeru tiegħi, bħad-drittijiet ċivili, l-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni tan-nisa u anke fil-kamp ċivil. Fil-kamp ekonomiku u finanzjarju qegħdin isiru sforzi kbar. U dan għax hemm ukoll pjan u fuq kollox hemm il-grinta u d-determinazzjoni li l-pajjiż irriduh jasal.

Għandna nkunu b'wiċċna minn quddiem ma' Gvernijiet, uffiċjali tal-midja, u ma għandniex għalfejn nibżgħu u noqogħdu fid-difiża, iżda nkunu ċari. Dan bħalma dejjem konna f'pajjiżna. Meta tagħsar kollox tibda tinduna kemm dan huwa pajjiż normali u pożittiv u li għandu nies ħabrieka. Pajjiż, li iva għandu biex jiftaħar, li għalkemm huwa normali huwa fost it-tajbin, l-aħjar u l-aqwa. M'għandux dawk il-problemi kbar li nisimgħu bihom f'ċerti pajjiżi. Id-differenzi politiċi tagħna qegħdin hemm iżda mhux estremi. Huwa tajjeb li wieħed ikun infurmat b'ċerti dettalji, biex meta niltaqgħu ma' barrani nkunu nafu x'għandna nirrispondu b'kunfidenza. Għandna nagħmlu riklam li permezz tiegħu nbigħu lil pajjiżna biex eventwalment isarraf f'iżjed investiment. Dan l-investiment imbagħad jissarraf f'aktar turiżmu u kummerċ li eventwalment jaffettwa lilna u l-familji tagħna.